

Brussell, 23 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13123/25

COH 175
SOC 620
ENER 453
ENV 875
SAN 568
CADREFIN 224
DELECT 138

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6376 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'22.9.2025 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-nomenklatura għad-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6376 final.

Mehmuż: C(2025) 6376 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2025
C(2025) 6376 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'22.9.2025

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-nomenklatura għad-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti leġislattivi¹ li jipprovdu l-opportunità lill-Istati Membri biex jallinjaw aħjar il-prijoritajiet ta' investiment tagħhom skont il-qafas attwali tal-politika ta' koeżjoni. Dawn kienu jikkonċernaw ir-Regolamenti (UE) 2021/1058 (“ir-Regolament dwar il-FEŻR/il-Fond ta' Koeżjoni”) u (UE) 2021/1056 (“ir-Regolament dwar il-JTF”), kif ukoll ir-Regolament (UE) 2021/1057 (“ir-Regolament FSE +”). Il-proposti inċentivaw l-appoġġ għall-prijoritajiet emerġenti tal-UE li għandhom l-għan li jżidu l-kompetittività, l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza u l-preparatezza filwaqt li jippromwovu l-koeżjoni territorjali u soċjali.

Il-proposti ġew adottati mill-koleġiżlaturi u daħlu fis-seħħ fl-[20 ta' Settembru 2025].

Huma jemendaw l-oġettivi speċifiċi eżistenti u introduċew oħrajn ġodda taħt il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 kif ġej:

taħt l-oġettiv ta' politika 1, oġettiv speċifiku ġdid

“it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali biex jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża, filwaqt li jiġu prijoritizzati l-kapaċitajiet ta' użu doppju”;

taħt l-oġettiv ta' politika 2, oġettiv speċifiku emendat

“il-promozzjoni tal-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, inkluż il-ġestjoni integrata tal-ilma, u r-reżiljenza idrika”;

u żewġ oġettivi speċifiċi ġodda

“il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli”;

“Il-promozzjoni tal-interkonnetturi tal-enerġija u tal-infrastruttura tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni, tal-ħażna u ta' appoġġ relatata, kif ukoll il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar”;

taħt l-oġettiv ta' politika 3, oġettiv speċifiku ġdid

“l-iżvilupp ta' infrastruttura tad-difiża reżiljenti li tipprijoritizza dik ta' natura b'użu doppju, inkluż biex titrawwem il-mobbiltà militari fl-Unjoni, kif ukoll tissaħħaħ il-preparatezza ċivili”;

taħt l-oġettiv ta' politika 4, oġettiv speċifiku ġdid

“il-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli”;

taħt l-oġettiv ta' politika 5, żewġ oġettivi speċifiċi ġodda

“it-trawwim ta' żvilupp territorjali integrat, permezz ta' aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli fit-tipi kollha ta' territorji”;

“l-iżgurar tal-preparatezza ċivili fit-tipi kollha ta' territorji”.

Skont l-Artikolu 22(3)(d)(viii) u l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-programmi huma meħtieġa jstabbilixxu, għal kull oġettiv speċifiku, tqassim indikattiv tar-

¹ COM(2025) 123 final u COM(2025) 164 final – 1.4.2025.

riżorsi pprogrammati skont it-tip ta' intervent, f'konformità mal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Dan l-att delegat huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-allinjament u l-konsistenza bejn ir-Regolament (UE) 2021/1060 ("ir-Regolament RDK") u r-regolamenti speċifiċi għall-fondi (ir-Regolamenti dwar il-FEŻR/il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE +, il-JTF). L-għan huwa li jiġi żgurat li l-oġġettivi speċifiċi emendati u introdotti reċentement skont ir-Regolament (UE) 2025/xxx [ir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu] ikunu jistgħu jiġu implimentati permezz taż-żieda ta' oqsma ta' intervent korrispondenti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dan se jippermetti l-użu tagħhom fl-implimentazzjoni u r-rapportar tal-programm.

Bħalissa, it-Tabella 1 "Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent" tal-Anness I "Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Artikolu 22(5) tal-JTF" tar-Regolament (UE) 2021/1060 tipprovdi lista ta' 193 qasam ta' intervent raggruppati skont l-oġġettiv ta' politika. Kwalunkwe qasam ta' intervent jista' jintuża taħt kwalunkwe oġġettiv ta' politika. Il-193 qasam ta' intervent eżistenti jibqgħu applikabbli u jistgħu jintużaw kif xieraq skont xi wieħed mill-oġġettivi speċifiċi ġodda u emendati introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2025/xxx [ir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu].

Dan l-att delegat jemenda l-Anness I "Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Artikolu 22(5) tal-JTF" tar-Regolament (UE) 2021/1060 u jikkomplementa l-lista eżistenti tat-tipi ta' interventi fit-Tabella 1 "Dimensjonijiet u kodiċijiet għat-tipi ta' intervent" tal-Anness I b'għadd limitat ta' dimensjonijiet u kodiċijiet addizzjonali marbuta mal-oġġettivi speċifiċi l-ġodda dwar id-difiża, l-infrastruttura kritika u l-interkonnnetturi tal-enerġija. Il-bidliet proposti huma kollha marbuta direttament mal-bidliet fl-oġġettivi speċifiċi. Il-bidliet jibqgħu koerenti mal-approċċ eżistenti dwar l-oqsma ta' intervent filwaqt li jiġi żgurat li l-oqsma introdotti jibqgħu proporzjonati għall-finijiet ta' implimentazzjoni u rapportar u jiġi evitat approċċ granulari żżejjed. B'mod partikolari, il-koeffiċjenti proposti għall-kalkolu tal-appoġġ għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima u l-kalkolu tal-appoġġ għall-oġġettivi ambjentali jirriflettaw daww assoċjati mal-oqsma ta' intervent komparabbli eżistenti.

Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ aktar immirat tal-investimenti marbuta mal-oġġettivi speċifiċi l-ġodda dwar id-difiża skont l-oġġettiv ta' politika 1 u l-oġġettiv ta' politika 3, dan l-att delegat jintroduċi żewġ oqsma ta' intervent addizzjonali għal investimenti produttivi marbuta speċifikament mad-difiża u t-teknoloġija b'użu doppju f'ditti kbar u f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (inklużi mikrointrapriżi). Dan jiżgura koerenza fl-approċċ ma' oqsma oħra ta' intervent li jkopru l-appoġġ għall-intrapriżi, li huma maqsuma b'mod simili. L-att delegat iżid ukoll mal-lista eżistenti qasam ta' intervent ġdid dwar l-infrastruttura tad-difiża u t-titjib tal-infrastruttura ta' natura b'użu doppju, inkluża l-mobbiltà militari.

Fir-rigward tal-oġġettiv speċifiku l-ġdid dwar l-interkonnnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura kritika tal-enerġija skont l-oġġettiv ta' politika 2, l-att delegat jintroduċi qasam ta' intervent dwar l-interkonnnetturi tal-enerġija u t-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-infrastruttura ta' appoġġ relatati, li huwa mistenni li jkopri l-volum tal-investment marbut ma' din il-prijorità emerġenti partikolari tal-UE b'mod aktar konċiż u granulari. Il-qasam il-ġdid ta' intervent dwar il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika jiżdied biex jippermetti l-immirar u l-monitoraġġ aħjar tal-investimenti fi kwalunkwe tip ta' infrastruttura kritika (l-enerġija, l-ilma, it-trasport, eċċ.) possibbli f'oġġettivi ta' politika differenti.

Il-193 qasam ta' intervent eżistenti jistgħu jintużaw biex ikopru l-investimenti previsti skont l-oġġettivi speċifiċi l-għodda relatati ma' akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, u preparatezza ċivili, kif ukoll l-oġġettiv speċifiku emendat dwar l-aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, inkluż il-ġestjoni integrata tal-ilma, u r-reżiljenza idrika. B'mod partikolari, l-investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli jistgħu jkunu marbuta ma' oqsma ta' intervent għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-istokk ta' akkomodazzjoni eżistenti (kodiċi IF 041 u 042), il-konstruzzjoni ta' bini ġdida effiċjenti fl-użu tal-enerġija (kodiċi IF 043), u l-infrastruttura tal-akkomodazzjoni (kodiċijiet IF 125 u 126). L-investimenti li jżidu l-preparatezza ċivili jistgħu jkunu marbuta mal-oqsma ta' intervent għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati mal-klima (il-kodiċijiet IF 058, 059, 060), il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji naturali mhux relatati mal-klima u r-riskji marbuta mal-attivitajiet tal-bniedem (il-kodiċi IF 061), kif ukoll għat-tagħmir u l-provvisti kritiċi meħtieġa biex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' emerġenza (kodiċi IF 132) u r-riġenerazzjoni fiżika u s-sigurtà tal-ispacezzji pubbliċi (kodiċi IF 168). Għal aċċess sigur għall-ilma, l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, inkluż il-ġestjoni integrata tal-ilma, u r-reżiljenza idrika, l-oqsma ta' intervent eżistenti għall-forniment tal-ilma għall-konsum mill-bniedem (kodiċijiet IF 062 u 063), għall-ġestjoni tal-ilma u l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma (kodiċi IF 064), għall-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi (kodiċijiet IF 065 u 066) u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji klimatiċi relatati mal-ilma (kodiċijiet IF 058, 060) għadhom l-aktar rilevanti. Għalhekk, l-ebda qasam ta' intervent ġdida jew addizzjonali ma jitqies meħtieġ.

Barra minn hekk, jiżied il-qasam ta' intervent eżistenti (il-kodiċi IF 145a) li jkopri l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet jew l-aċċess għall-impjegi marbuta mal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)². Dan il-qasam ta' intervent għandu jinkludi t-teknoloġiji tad-difiża flimkien mat-teknoloġija diġitali, it-teknoloġija profonda u l-bijoteknoloġija. Biex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-programmazzjoni u l-monitoraġġ tal-appoġġ ta' STEP, dan l-att delegat jemenda wkoll il-kodiċi 11 fit-Tabella 6 "Kodiċijiet għat-temi sekondarji tal-FSE+" tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 skont dan.

Dan l-att delegat u l-bidliet meħtieġa fl-Anness I jeħtieġ li jiġu adottati mingħajr dewmien biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni konsistenti dwar l-użu pprogrammat tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll informazzjoni dwar l-allokazzjoni u n-nefqa kumulattivi ta' dawn il-Fondi skont it-tip ta' intervent u l-għadd ta' operazzjonijiet matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' programm, f'konformità mal-obbligu legali tagħhom stipulat fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dan se jippermetti wkoll lill-Kummissjoni tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha b'mod xieraq dwar l-użu tal-Fondi.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-konsultazzjonijiet saru f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati³.

Il-partijiet kollha tal-att ġew soġġetti għall-konsultazzjoni tal-esperti mill-Istati Membri. L-ewwel verżjoni tal-att delegat ġiet ippreżentata u diskussa ma' esperti mill-Istati Membri

² F'konformità mal-emenda proposta ta' STEP permezz ta' COM (2025) 188 final

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/agree_interinsti/2016/512/oj).

kollha fit-2 ta' Settembru 2025. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat kif xieraq dwar il-konsultazzjonijiet.

Il-konsultazzjoni ppermettiet preżentazzjoni sħiħa tal-abbozz tad-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet dwar l-abbozz tal-att delegat. L-Istati Membri ġew mistiedna jipprovdu l-kummenti tagħhom bil-miktub u rċevew tveġibiet għall-punti li tqajmu fid-diskussjoni dwar l-abbozz tal-att delegat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament, ħlief l-Annessi III, IV, XI, XIII, XIV, XVII u XXVI, sabiex tadattahom għall-bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta dan l-att delegat li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 fir-rigward tan-nomenklatura (dimensjonijiet u kodiċijiet) għat-tip ta' oqsma ta' intervent, li għandhom jintużaw għall-kategorizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji/appoġġ ippjanati u implimentati taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni, il-JTF).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'22.9.2025

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-nomenklatura għad-dimensjonijiet u l-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 22(3), il-punt (d)(viii) tar-Regolament (UE) 2021/1060, kull programm appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għandu jistabbilixxi t-tipi ta' intervent għal kull objettiv speċifiku inkluż fil-programm. Dan sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni konsistenti dwar l-użu pprogrammat, l-allokazzjoni kumulattiva u n-nefqa ta' dawn il-Fondi skont it-tip ta' intervent u l-għadd ta' operazzjonijiet matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Dan sabiex jippermetti lill-Kummissjoni tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha b'mod xieraq dwar l-użu tal-Fondi.
- (2) Skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Anness I ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi n-nomenklatura għat-tipi ta' intervent għall-FEŻR, il-FSE +, il-Fond ta' Koeżjoni u l-JTF.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2025/xxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ [ir-Regolament MTR] li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, introduċa objettivi speċifiċi addizzjonali għall-appoġġ mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-JTF.
- (4) L-objettivi speċifiċi l-ġodda introdotti bir-Regolament (UE) 2025/xxx [Ir-Regolament Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu] ikopru investimenti mmirati biex jagħtu spinta lill-kompetittività, l-awtonomija strateġika, il-koeżjoni territorjali u soċjali, ir-reżiljenza u l-preparatezza tal-UE. B'mod aktar speċifiku, l-objettivi speċifiċi l-ġodda jipprovdu l-possibbiltà li jiġu appoġġati investimenti li jsaħħu l-

⁴ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>.

⁵ ĠU L [Id-dettalji tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu kif disponibbli mal-pubblikazzjoni]

kapaċitajiet ta' użu doppju u ta' difiża tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi ġeopolitiċi kif ukoll l-investimenti fl-interkonnnetturi tal-enerġija u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija, bl-għan li jiżiedu r-reżiljenza u l-preparatezza tal-UE għal kwalunkwe avveniment negattiv potenzjali relatat mal-klima u mhux mal-klima.

- (5) Minħabba ż-żieda tal-oġġettivi speċifiċi l-ġodda u biex l-Istati Membri jkun jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni konsistenti dwar l-użu pprogrammat tal-Fondi taħt dawn l-oġġettivi speċifiċi ġodda, il-lista eżistenti ta' tipi ta' interventi għandha tiġi kkomplementata b'għadd limitat ta' oqsma ta' intervent rilevanti addizzjonali.
- (6) Għalhekk, jenħteġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/1060 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiżiedu l-oqsma ta' intervent li ġejjin:

“Kodiċijiet oħra relatati ma' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu			
194	Investiment produttiv f'ditti kbar marbuta mad-difiża u t-teknoloġija b'użu doppju	0 %	0 %
195	Investiment produttiv fl-SMEs marbut mad-difiża u t-teknoloġija b'użu doppju	0 %	0 %
196	Interkonnnetturi tal-enerġija u trażmissjoni, distribuzzjoni, ħżin u infrastruttura ta' appoġġ relatata	100 %	40 %
197	Protezzjoni tal-infrastruttura kritika	0 %	40 %
198	Infrastruttura tad-difiża u kostruzzjoni tal-infrastruttura u titjib għal użu doppju, inkluża l-mobbiltà militari	0 %	0%”

2. Fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-qasam ta' intervent 145a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“145a.	Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet jew aċċess għall-impjiegi f'teknoloġiji diġitali u innovazzjoni ta' teknoloġija profonda, bijoteknoloġiji u t-teknoloġiji tad-difiża.	0 %	0%”
--------	--	-----	-----

3. Fit-tabella 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-ringjela 11 hija sostitwita b'dan li ġej:

“11	Il-kontribut għall-ħiliet u l-impjiegi fit-teknoloġiji diġitali u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, il-bijoteknoloġiji u t-teknoloġiji tad-difiża	0 %	0%”
-----	---	-----	-----

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22.9.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN